# SANCTA CATHARINA, ZURRICANORUM PATRONA



**Edizzjoni Nru. 19**
**Frar, Marzu, April, 2009**

GAZZETTA MAĦRUĠA MIS-SOĊJETÀ MUŻIKALI SANTA KATARINA V.M.,
PALAZZ ALEXANDRIA, 37, MISRAĦ REPUBBLIKA, ŻURRIEQ.
TEL. 21647826 - 21640354 - www.stcatherineband.org.mt

## IL-KELMA TAL-PRESIDENT - *Is-Sur Charles Schembri*



Għeżież membri, insellmilkom, u nawguralkom il-kumplament tas-sena t-tajba mimlija risq u hena, lilkom u lill-familjari tagħkom. Is-sena 2008 għaddiet u ħallitilna kemm ferħ kbir bil-festa li ċċelebrajna ad unur il-Patruna tagħna Santa Katarina V.M., kif ukoll niket bit-telfa tal-għażiż Surmast Direttur Francis Falzon nhar is-26 t'Ottubru 2008. Is-Surmast Francis Falzon kien ta' unur kbir għall-Banda Santa Katarina V.M. u fuq kollox għas-Soċjeta' tagħna. Is-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M. hija ferm onorata u grata lejn is-Surmast Falzon li tul dawn it-22 sena kien strumentali u mexxa b'suċċess il-Banda Santa Katarina V.M. Mumenti memerobbli kienu meta s-Surmast Falzon mexxa l-Banda Santa Katarina V.M. barra minn xtutna ġewwa Bari fl-1997 u ġewwa Lucca fl-2004. Unur kbir ieħor li jibqa' mmarkat fl-istorja huwa meta s-Surmast Francis Falzon idderieġa l-Banda fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju tal-1700 sena mill-martirju ta' Santa Katarina V.M. għall-Oratorju Santa Katarina ta' Lixandra, kompożizzjoni tiegħu stess, ġewwa l-Knisja Matriċi u Arċipretali ddedikata lil Santa Katarina V.M. fiż-Żurrieq. Matul dawn it-22 sena s-Surmast Falzon ikkompona ħafna xogħlijiet mużikali li llum huma merfugħin b'għożża kbira fl-arkivju tas-Soċjeta' tagħna. Għażiż Surmast, nirringrazzjawk minn qalbna u nwiegħduk li nibqgħu niftakru u nitolbu għalik.

Nhar it-18 ta' Diċembru 2008, kienet ġurnata memorabbli għas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M. Kien mument storiku fi ħdan il-Banda Santa Katarina V.M., għaliex b'konsultazzjoni mal-Bandisti u l-Kumitat Ċentrali, inħatru Mro.Mario Testa bħala Surmast Direttur ġdid tal-Banda Santa Katarina V.M., u s-Sur Josef Grech, żgħażugħ mimli enerġija b'talent mużikali, ġie maħtur Assistent Surmast. Minn qiegħ qalbi u f'isem is-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M. nawguralhom kull suċċess fil-futur. J'Alla Santa Katarina Patruna tagħna u patruna tal-mużika tagħtikom id-doni meħtieġa sabiex tmexxu l-Banda fit-triq tas-sewwa u l-prosperita'.

Mill-ħajja tas-Soċjeta' tagħna l-impenn kbir tas-Sotto Kumitati għaddej b'ritmu ġmielu b'attivitajiet ma jaqtgħu xejn. Filwaqt li dawn l-attivitajiet huma tant sbieħ u kulturali, fl-istess ħin huma wkoll ta' *fund raising* b'risq is-Soċjeta' tagħna. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li bi ħġarhom jattendu għal dawn l-attivitajiet. Mingħajr is-sostenn tagħkom ċertu proġetti ma jkunux jistgħu isiru, iżda bil-kontribut ta' kull wieħed u waħda minna nistgħu nilħqu kull għan. Sar xogħol strutturali sabiex Radju Santa Katarina jkollu post xieraq. Ta' min jifraħ lil dawk kollha li qed jagħtu l-kontribut tagħhom bi ħġarhom sabiex Radju Santa Katarina jkompli jiffjorixxi u jwassal tant programmi sbieħ u nteressanti.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi l-ewwel nett nirringrazzjakom tal-kontribut u kull sapport li tagħtu b'risq is-Soċjeta' tagħna. J'Alla l-membri ta' din il-familja Katarinjana jkomplu jaħdmu għal għan wieħed – b'kuraġġ u determinazzjoni lejn is-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M., kif ukoll b'imħabba sinċiera lejn il-Patruna tagħna.



**Il-Missier Etern, il-Kunċizzjoni Immakulata flimkien ma' San Ġużepp, San Bartilmew Appostlu u Santa Katarina V.M. Jinsab fil-Knisja tal-Kunċizzjoni ta' Għandar il-Blat fil-Mosta. Din il-Knisja ġiet mibnija fl-1653 minn Bartilmew Busuttil. Il-kwadru hu xogħol il-pittur Filippo Dingli fis-sena 1653. Ħajr lis-Sur Michael Sciberras li għaddielna dan ir-ritratt.**



# Attivitajiet organizzati mill-Każin tal-Banda Santa Katarina V.M. Żurrieq fit-tliet xhur li ġejjin

**(Dettalji fis-Sezzjonijiet rispettivi fil-gazzetta)**

| | | |
|---|---|---|
| 08/02/2009 | 7.00pm | Marċ ġewwa l-Belt Valletta għall-festa ta' San Pawl. |
| 10/02/2009 | 2.00pm | Afternoon Tea ma' Marisa D'Amato – Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti. |
| 12/02/2009 | 6.30pm | Taħdida minn membru tal-MUSEUM ʃewwa l-Każin |
| 13/02/2009 | 7.00pm | High Tea l-Każin. |
| 20-22/02/2009 | | Weekend Break ġewwa l-Mellieħa Bay Hotel mas-Sotto Kumitat Armar. |
| 22/02/2009 | 8.00pm | The Return of Banana Power il-Każin |
| 23/02/09 | 2.00 p.m. | Party tal-Karnival għat-tfal fil-każin |
| 27/02/2009 | 7.00pm | High Tea l-Każin. |
| 11/03/2009 | 6.30pm | Eżerċizzji tar-Randan ġewwa s-Sala Espedito Deguara l-Każin |
| 12/03/2009 | 6.30pm | Eżerċizzji tar-Randan ġewwa s-Sala Espedito Deguara l-Każin |
| 13/03/2009 | 6.30pm | Eżerċizzji tar-Randan ġewwa s-Sala Espedito Deguara l-Każin |
| 15/03/2009 | 8.00pm | The Return of Banana Power il-Każin |
| 19/03/2009 | 8.30am | Ġurnata mas-Sezzjoni Nisa. |
| 27/03/2009 | 7.00pm | High Tea l-Każin. |
| 02/04/2009 | 6.30pm | Taħdida minn membru tal-MUSEUM ġewwa l-Każin |
| 04-05/04/2009 | | Attivita' tal-Ġimgħa Mqaddsa mas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti. |
| 05/04/2009 | 10.00am | Marċi funebri fi Pjazza Repubblika Żurrieq għal Ħadd il-Palm. |
| 11/04/2009 | filgħaxija | Easter Early Buffet Breakfast mas-Sotto Kumitat Armar. |
| 21/04/2009 | 9.00am | Coffee Morning il-Każin. |
| 14/05/2009 | 6.30pm | Taħdida minn membru tal-MUSEUM ġewwa l-Każin |

## BORD EDITORJALI:

| | |
|---|---|
| Darmanin Lorna | Editriċi |
| Gatt Anna Maria | Assistenta Editriċi |
| Camilleri Moses | Kaxxier |
| Cassar Mark | Website Designer |
| Cassar Karl | Website Designer |
| Camilleri Moses | Rappreżentant Sezzjoni Armar |
| Darmanin Joey | Rappreżentant Kumitat Ċentrali |
| Farrugia Catherine | Reppreżentanta Sezzjoni Nisa |
| Farrugia Richard | Rappreżentant Kummissjoni Banda |
| Sammut Faustina | Rappreżentanta Kumitat Kultura |
| Schembri Alan | Rappreżentant Sezzjoni Nar |
| Schembri Kevin | Rappreżentant Sezzjoni Żgħażagħ |
| Schembri Kevin | Rappreżentant RSK 90.6 F.M. |

## EDITORJAL

Għeżież qarrejja, bdejna sena ġdida, u magħha bdew sfidi ġodda għas-Soċjetà; Soċjetà li dejjem għaddejja b'ritmu mgħaġġel bl-attivitajiet u proġetti, li bis-saħħa tagħkom il-partitarji ħabrieka dejjem kienu tà l-ogħla livell ġewwa raħalna, kif ukoll għal pajjiżna. Din il-ħarġa xejn inqas minn dawk tà qabilha, ppakkjata nformazzjoni għalikom, fejn nisperaw li qed issibuha utli sabiex tkunu tistgħu tippjanaw il-kalendarju tagħkom flimkien mà dak tas-Soċjetà.

Tul dawn l-aħħar tliet xhur saru avvenimenti kbar ġewwa s-Soċjetà tagħna, pero' nistà ngħid l-akbar waħda l-ħatra tas-Surmast il-ġdid Mro.Mario Testa, flimkien mal-Assistent Surmast Josef Grech.

F'isem il-Bord Editorjali nawguralhom kull suċċess mal-Banda Santa Katarina V.M., u ninsab ċerta li l-Banda għażiża tagħna ser tibqà miexja 'l quddiem fuq il-passi tal-maħbub u qatt minsi Mro.Francis Falzon.

Qabel nagħlaq dawn il-kelmtejn, infakkarkom li kull min jixtieq kopji żejda tal-gazzetta, kif ukoll kull min jixtieq jirreklama fil-gazzetta jew jixtieq jgħaddilna xi ritratti, suġġerimenti jew artikli tà nteress, jikkuntatjana. Ibagħtu l-ittri tagħkom hekk: **L-Editur, Sancta Catharina Zurricanorum Patrona, Palazz Alexandria, Misraħ Repubblika, Żurrieq**. Tistgħu ukoll tikkuntattjawna permezz tal-email fuq **info@stcathrerineband.org.mt**

Grazzi tal-appoġġ tagħkom u j'Alla niltaqgħu għall-attivitajiet numerużi li għandna ppreparati għalikom. Saħħa. LORNA DARMANIN - **EDITRIĊI**


**Palmisti Promotions are back**

with 2 events at St. Catherine Band Club – Zurrieq.
Sunday 22nd. February '09 & Sunday 15th. March '09

*Therefore mark your diary accordingly so that you will not be disappointed*

**Same Event – Same Line-up – Same Joy!**

SEGWU L-EWWEL U L-AQWA RADJU TAL-KOMUNITA' ĠEWWA Ż-ŻURRIEQ
RADJU SANTA KATARINA
FUQ 90.6 FM
BI SKEDA VARJATA GĦALL-GOSTI TA' KULĦADD

www.stcatherineband.org.mt
IS-SIT UFFIĊJALI TAS-SOĊJETÀ MGĦAMMAR B'RITRATTI U NFORMAZZJONI AĠĠORNATA KULJUM



## Sotto Kumitat Armar

*- Moses Camilleri - Viċi Chairman*

Għeżież Palmisti, nixtieq nibda billi nifraħ lis-Surmast Mario Testa u l-Assistent Surmast Josef Grech għall-ħatra ġdida tagħhom fi ħdan il-Banda għażiża tagħna. Ħatra ferm importanti u mpenjattiva. Nawguralhom kull suċċess u li jkomplu fuq il-passi tal-predeċessuri tagħhom.

Erġajna bdejna sena ġdida u x-xogħol reġa' qabad sewwa fl-imħażen tagħna wara l-festi tal-Milied u l-aħħar tas-sena. It-tindif u manutenzjoni ma jieqfu qatt għax dejjem jinqalgħu bżonnijiet li tkun trid twettaqhom matul is-sena. Qed issir manutenzjoni u żebgħa fuq l-antarjoli li narmaw fil-festa. Ix-xogħol fuq il-proġett tat-trofej il-ġdid miexi tajjeb ukoll u l-miri li għamilna kemm fil-karpenterija kif ukoll min-naħa finanzjarja qiegħdin inżommu magħhom. Dan dejjem grazzi għall-ġenerożità u l-qalb kbira tagħkom.

- **Għal dawk li huma attivitajiet ta' fund raising matul dawn it-tliet xuhur għandna dawn li ġejjin:**
- **Valentine's Weekend Break fil-Mellieħa Bay Hotel bejn l-20 u t-22 ta' Frar fuq bażi half board u użu tal-faċilitajiet kollha tal-lukanda.**
- **Early Easter Breakfast is-Sibt 11 t'April fil-Każin wara l-quddiesa tal-Għid il-Kbir. Ikun Buffett bħas-soltu.**
- **Car Wash fejn il-Maħżen Santa Katarina. Aktar dettalji jkunu fuq posters li noħorġu qabel l-attivita'.**
- **Bdejna lotterija bieb, bieb ta' ritratt sabiħ ta' Santa Katarina li jitla' mbagħad fil-festa.**
- **Għandna l-iskema tal-ġbir għat-trofej il-ġdid fejn kull kaxxa tiswa 50 Ewro.**

Nagħlaq dawn il-kelmtejn ta' tagħrif dwar il-ħidma tagħna billi nirringrazjakom tas-sostenn li dejjem sibna mingħandkom u bl-għajnuna tal-Padruna taż-Żurrieq Santa Katarina V.M. nkomplu naħdmu sabiex nibqgħu nkabbru l-festa Titulari tagħha li hi tant għal qalbna.

## Rokna tan-Nisa

*- Catherine Farrugia*

Għeżież membri u qarrejja, bdiet sena ġdida u magħha jerġgħu jibdew l-attivitajiet. Wara s-suċċess li kellna bil-ħarġa ta' ġurnata fit-8 ta' Diċembru, ser nerġgħu nagħmlu ħarġa ta' ġurnata oħra. Dawn huma l-attivitajiet tagħna għal dawn it-tliet xhur li ġejjin:



Ħarġa ta' ġurnata mas-Sezzjoni Nisa fit-8 ta' Diċembru 2008



Party tal-Milied għat-Tfal 2008

- **Il-Ġimgħa 13 ta' Frar High Tea l-każin fis-7:00pm**
- **It-Tnejn 23 ta' Frar: Party tal-Karnival għat-tfal fis-2.00 p.m.**
- **Il-Ġimgħa 27 ta' Frar High Tea fil-każin fis-7:00pm**
- **Il-Ħamis 19 ta' Marzu ħarġa ta' ġurnata fejn ser nibdew billi nisimgħu quddiesa u wara mmorru nieklu xi ħaġa u nilagħbu t-tombla. Nitilqu mill-venda fit-8:30am.**
- **Il-Ġimgħa 27 ta' Marzu High Tea l-każin**
- **It-Tlieta 21 t'April Coffee Morning il-każin fid-9:00am.**

Ejjew u ħudu gost magħna u fl-istess ħin tagħtuna kuraġġ inkomplu nagħmlu proġetti kbar bħal ma dejjem għamilna bl-għajnuna tagħkom. Grazzi tal-appoġġ.

## TAĦDIDIET MILL-MEMBRI TAL-M.U.S.E.U.M. FIL-KAŻIN TAL-BANDA SANTA KATARINA V.M.



**Il-Ħamis 12 ta' Frar 2009 fis-6.30pm**
**L-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa 11, 12 u 13 ta' Marzu 2009**
**Eżerċizzji tar-Randan fis-6.30pm**
**Il-Ħamis 2 t'April 2009 fis-6.30pm**
**Il-Ħamis 14 ta' Mejju 2009 fis-6.30pm**
**INĦEĠĠU LILL-MEMBRI JATTENDU GĦAL DAWN IL-LAQGĦAT**

# IL-BANDA SANTA KATARINA V.M.



**Il-Banda Santa Katarina V.M. ser tesegwixxi programm ta' mużika funebri nhar Ħadd il-Palm 5 t'April 2009 b'tifkira tal-maħbub Surmast Francis Falzon li miet fis-26 t'Ottubru 2008. Ser jindaqqu dawn il-marċi li ġew komposti mis-Surmast Falzon: 'Elegy', 'In Memory of Our Bandsmen', 'Solitude', 'Rays of Hope', 'Hope and Glory', 'Lil Dun Mikiel D'Amato', u 'In Memory of My Father', u l-Marċ 'alla Perenne Memoria di Mro.Francis Falzon' tas-Surmast Mario Testa. Il-Programm ser isir f'Misraħ Repubblika ż-Żurrieq, jibda fl-10.00am u jkun dirett mis-Surmast Mario Testa Dip.Mus.in $B^b$ Tuba, F.Mus., E.I.H.E., (H.C.).**

## Kelmtejn mis-Sezzjoni Nar

*- Alan Schembri - Kaxxier*

Insellmilkom. Il-festi tal-Milied u l-ewwel tas-sena għaddew, u hawn nixtieq nieħu l-okkażjoni sabiex f'ismi u f'isem shabi tas-Sotto Kumitat tan-Nar u l-membri effettivi tas-St.Catherine Fireworks Factory, nawgura s-sena t-tajba lil kulħadd. Għal darb'oħra reġa' wasal iż-żmien sabiex nippublikaw dawn il-ftit ħsibijiet fejn tidħol is-sezzjoni tal-piroteknika.

Issa li għadna kif bdejna sena ġdida fi ħsiebna nkomplu nħarsu 'l quddiem u se nibqgħu naħdmu kif għamilna fis-snin l-imgħoddija sabiex bil-ħidma tagħna l-għan ewlieni ta' din is-Sezzjoni xorta jibqà li toffri spettaklu pirotekniku fl-ewwel ġimgħa ta' Settembru ad unur il-Patruna tagħna Santa Katarina V.M. Ma nistax ma nsemmix u ma nirringrazzjax lil dawk il-membri effettivi li għadhom jagħtu s-sehem tagħhom f'dan il-qasam. Ma nistax ma nirringrazzjax ukoll lill-familjari tagħhom li jissapportjawhom f'kull mument.

Min-naħa l-oħra dan jagħmlilna kuraġġ sabiex inkomplu naqdu u nwettqu dmirijietna u b'hekk min-naħa tagħna bħala Sotto Kumitat tan-Nar, se nkomplu norganizzaw diversi attivitajiet sabiex inżommu l-każin tagħna dejjem attiv u sabiex fl-istess ħin inkunu qegħdin niġbru fondi sabiex nagħmlu tajjeb għall-ispejjeż kbar li niltaqgħu magħhom u nkunu nistgħu noffru spettaklu tan-nar. Inħeġġeġ lill-membri tagħna sabiex jattendu għal dawn l-attivitajiet, mhux tagħna biss iżda jekk jista' jkun dawk kollha li toffri s-Soċjetà għaliex meta dawn kollha jingħaqdu flimkien żgur li joħroġ l-iskop ewlieni tagħhom. Dawn kollha tistgħu tiċċekjawhom fin-notice board jew fil 'website' uffiċjali tas-Soċjetà.

Filwaqt li nagħtikom il-kumplament tas-sena t-tajba, nixtieq nirringrazzja lil kulħadd għall-appoġġ li nsibu minn għandkom il-membri u benefatturi oħra tagħna u nħeġġiġkom sabiex kif dejjem kontu, tkomplu tkunu ġenerużi billi tiġu wkoll tikkontribwixxu fl-arbular tan-nar b'risq il-festa. Grazzi lil kulħadd.

### IL-MULEJ SEJĦILHOM BIEX JIDĦLU FIL-FERĦ MA' SANTA KATARINA V.M. GĦAL DEJJEM



| | |
|---|---|
| Il-Membru Onorarju Giovanni Callus | 12 ta' Novembru 2008 |
| Il-Membru Maria Lourdes Camilleri | 16 ta' Novembru 2008 |
| Il-Membru Onorarju u ex-Bandist Generoso Tonna | 29 ta' Novembru 2008 |
| Il-Membru Marija Camilleri | 29 ta' Diċembru 2008 |
| Il-Membru Tereża Muscat | 9 ta' Jannar 2009 |

*Agħtihom O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.*

# IFFIRMAR TA' KUNTRATT



Is–Surmast Mario Testa

**IL-ĦAMIS 18 TA' DIĊEMBRU 2008 ĠIE FFIRMAT IL-KUNTRATT BEJN IL-KUMITAT TAS-SOĊJETÀ MUŻIKALI SANTA KATARINA V.M., IS-SURMAST MARIO TESTA U L-ASSISTENT SURMAST JOSEF GRECH.**



L–Ass. Surmast Josef Grech



# Għalikom it-Tfal - *Anna Maria*

Kif intom tfal? L-ewwel nett nixtieq nawguralkom is-sena t-tajba! Ħadt pjaċir nara ħafna minnkom waqt l-attivita' tal-Milied li s-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M. organizzat propju għalikom. Nixtieq f'isimkom kollha nirringrazzjahom talli ħadu ħsieb jorganizzaw din l-attivita' li żgur ferrħet lilkom ilkoll li attendejtu.

Illum se nkompli nkellimkom dwar qaddisin u beati li ngħataw l-isem tal-Patruna tagħna. Fil-fatt illum se nkellimkom dwar il-Beata Caterina Cittadini. Caterina twieldet fl-1801 f'Bergamo, li hija belt sabiħa ħhafna fit-Tramuntana ta' l-Italja, viċin Milan. Meta kellha biss sitt snin, Caterina, flimkien ma' oħtha ż-żgħira Ġuditta, ittieħdu f'orfanatrofju, jiġifieri f'post fejn ikun hemm tfal li ma jkollhomx ġenituri. Dan wara li ommhom mietet u missierhom abbandunahom. F'dan il-post Caterina saret spiritwali ħafna, jiġifieri kienet tgħaddi ħafna ħin titlob u tirrifletti fuq Ġesù u fuq ommu Marija. Minn kitbiet li saru fuq il-ħajja tagħha insibu li kienet tħobb titlob ħafna lill-Anġlu Kustodju u lil Santa Katarina ta' Lixandra, li hi kienet tqisha bħala l-qaddisa protettriċi tagħha.

Meta kellha 21 sena, Caterina saret għalliema u flimkien ma' oħtha fetħu skola Kattolika fil-villaġġ ta' Somasca. Minbarra li kienu jmexxu l-iskola, Caterina u Ġuditta kienu ukoll jgħallmu l-katekiżmu u jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-parroċċa. Caterina ma kinetx kuntenta b'dan biss u flimkien ma' oħtha bdew jgħallmu lit-tfajliet li kienu jgħixu fl-istituti fil-villaġġi tal-qrib. Tant kienet tgħallem b'devozzjoni, li kienu ħafna t-tfajliet li kienu jfittxu lil Caterina biex tispjegalhom aħjar il-Kelma ta' Alla. Fl-1840, oħt Caterina mietet ħabta u sabta u din kienet xi ħaġa li nikktitha ħafna.

Saħħet Caterina bidet tmur lura u ftit qabel ma' mietet ressqet talba biex il-grupp tat-tfajliet li hi kienet tgħallem jingħaqdu f'kongregazjoni reliġjuża. Ix-xewqa tagħha iżda inqatgħet ftit wara illi mietet fl-1857. Fil-fatt Caterina, mingħajr ma laħqet tara jseħħ dan kollu, saret il-fundatriċi tas-Sorijiet Ursolini ta' Somasca. Il-Papa Gwanni Pawlu t-Tieni iddikjaraha beata fl-20 ta' Diċembru 1999 wara li kien ikkonfermat miraklu bl-interċessjoni tagħha.

Il-ħajja ta' din il-Beata tixbah ferm lil dik tal-Padruna tagħna Santa Katarina V.M. It-tnejn li huma kienu jimxu u jgħallmu fuq il-Kelma ta' Alla. Aħna ukoll importanti li waqt il-quddies noqogħdu attenti għal dak kollu li nkunu qed nisimgħu. B'hekk inkunu nistgħu ngħixu kif iridna HU, bħalma għexet Santa Katarina V.M.

Għandna għalikom tisliba interessanti ħafna. Infakkarkom li l-'ie' u l-'għ' jinkitbu f'żewġ kaxxi separati. Ibgħatu bħas-soltu l-kompetizzjoni f'dan l-indirizz: Kompetizzjoni Għalikom Tfal, Zurricanorum Patrona, Palazz Alexandria, Misraħ Repubblika, Żurrieq. Il-Kompetizzjoni tat-18-il Edizzjoni ġiet mirbuħa minn Zachary Saliba li se jiġi kkuntattjat u mogħti rigal sabiħ. Prosit Zachary !




**Mimdunin**

1. Il-villaġġ li fih marru jgħixu Caterina u oħtha
3. Oħt Caterina kien jisimha hekk
5. Is-sorijiet li waqqfet Caterina
6. Kunjom il-Beata Caterina
7. Xi ġralha oħt Caterina ħabta u sabta?
8. Il-belt li fiha twieldet Caterina
9. Caterina u oħtha waqqfu __________

**Weqfin**

2. X'wassal biex Caterina ssir beata?
3. Liema Papa għamilha beata?
4. Caterina ma kellhiex ġenituri





# Nota Amministrattiva *- mis-Segretarju, is-Sur Joseph Darmanin*

Għeżież partitarji u qarrejja, wara l-festi sbieħ li kellna tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena, fejn nistgħu ngħidu li kellna suċċess kbir fl-attivitajiet kollha li s-Soċjetà organizzat, u ta' dan nirringrazzja lil kulħadd minn qalbi. Is-Sena 2009 ser iġġib sfidi ġodda għas-Soċjetà tagħna, fejn din is-sena qed tiċċelebra l-145 sena mit-twaqqif tagħha. Soċjetà b'ħafna esperjenza, iżda żgħażugħa fil-qalb.

Il-Banda għażiża tagħna din id-darba taħt id-direzzjoni tas-Surmast Mario Testa u l-Assistent Surmast Josef Grech, b'tislima dejjem lis-Surmast Francis Falzon, ser tibda l-lista ta' servizzi fejn tmur iddoqq għall-festa ta' Missierna San Pawl ġewwa l-Belt Valletta. Bi pjaċir ngħidu li l-Banda tagħna ġiet mistiedna għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet li l-Knisja qed tagħmel lil dan il-Qaddis li ġabilna l-fidi. Il-Banda ġiet mistiedna għal diversi servizzi oħra, fosthom fil-Belt Valletta għall-festa ta' San Duminku, u b'hekk b'unur il-Banda tagħna ser tmur iddoqq darbtejn ġewwa l-Belt Kapitali ta' pajjiżna. Din is-sena għandna wkoll l-impenn tar-recording tal-marċi l-ħodda, kif ukoll affarijiet oħra li għad iridu jiġu deċiżi fil-futur qarib. Grazzi tal-ġabra ta' Jannar; prosit lil kulħadd u nistedinkom terġgħu tkunu ġenerużi għall-ġabra tal-Għid. Grazzi wkoll għall-ħlas tal-menswalita'. Inħeġġeġ biex min għadu ma ħallasx jagħmel dan billi javviċinani. Il-ħlas tal-menswalita' hu biss ta' 10 Ewro.

Dawn it-tliet xhur li ġejjin huma mballati attivitajiet. Grazzi għal dawk kollha li jattendu u nħeġġukom biex tkomplu tagħtuna sapport. Grazzi wkoll lil dawk li jorganizzaw għax dawn huma l-mutur. Għeżież partitarji, qed nippreparaw ukoll bis-sħiġ għall-festa, festa li bla dubju ta' xejn tfisser xogħol tul is-sena kollha, u jekk Alla jrid ser jerġa' jkollna festa kbira għall-Patruna tagħna, minkejja d-diffikultajiet kollha li ngħaddu minnhom.

Għadu għaddej ix-xogħol fuq l-istudjos tar-radju, li issa qed jasal iż-żmien li jibdew jgħaqdu l-affarijiet. Inħeġġiġkom biex issegwu l-avviżi kollha li noħorġu, sew permezz ta' din il-gazzetta, kif ukoll tal-website, noticeboard, ittri, kif ukoll permezz ta' Radju Santa Katarina. Dawn huma l-aktar mezzi aġġornati tas-Soċjetà u għalhekk inħeġġiġkom issegwuhom sabiex tkunu tafu x-xogħol kbir li jkun qed isir. Inħeġġu aktar nies jikkontribwixxu għax il-ħsad huwa kbir għall-grazzja t'Alla. Nagħlaq billi nħeġġeġ biex ninsew id-differenzi u ningħaqdu lkoll – l-iskop uniku tagħna trid tkun biss il-Qaddisa Patruna tagħna SANTA KATARINA V.M. GRAZZI TAL-APPOĠĠ.

# Radju Santa Katarina *- Kevin Schembri - Segretarju Sotto Kumitat RSK*

Radju Santa Katarina, li twaqqaf f'Awwissu tas-sena 2002, din is-sena għamel pass ieħor 'il-quddiem fl-istorja tiegħu. Apparti li huwa l-Ewwel Radju fiż-Żurrieq, Radju Santa Katarina huwa l-Ewwel u l-Unika Radju fiż-Żurrieq li qed ixandar is-sena kollha. Dan ifisser li s-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. qed tinvesti f'mezz ta' komunikazzjoni ieħor biex tkun viċin tagħkom is-Soċji u l-partitarji. Barra minn dan, Radju Santa Katarina huwa mezz biex twassal dak kollu li jkun qed jiġri fis-Soċjeta' tagħna fid-djar tal-morda u l-indisposti. Permezz ta' dan ir-Radju, is-Soċjeta' qed twassal leħinha fl-irħula Maltin u fid-dinja kollha għal dawk kollha li jagħmlu użu mill-internet. Permezz ta' dan l-investiment, is-Soċjeta' qed tkompli ssaħħaħ wieħed mill-iskopijiet li hi mwaqqfa għalih; dak li tipprovdi rikreazzjoni għall-membri tagħha. Dan qed nagħmluh permezz ta' skeda varjata fejn hemm inkluż minn kollox. Fuq Radju Santa Katarina wieħed jista' jisma kull ġeneru ta' mużika, minn dik klassika għal progressive u house. Wieħed jista' jisma diskussjonijiet interessanti minn dawk li jġeddulek il-memorji għal dawk sportivi, kif ukoll inkunu ta' kumpanija għas-semmiegħa f'kull ħin tal-ġurnata, sew jekk ikun filgħodu pemezz tal-breakfast shows kif ukoll fil-jiem ta' tmiem il-Ġimgħa wara nofs in-nhar. Radju Santa Katarina fl-iskeda tiegħu għandu wkoll programmi informattivi sew fuq storja u anke fuq saħħa kif ukoll nagħtu ħin importanti għall-aspett reliġjuż tal-ħajja tagħna billi kuljum tixxandar il-quddiesa, jingħad ir-Rużarju u anke l-Angelus. Dan kollu għeżież qarrejja qed isir permezz ta' ħidma, kollha volontarja, mis-soċji u partitarji li flimkien qed niffurmaw tim numeruż ta' preżentaturi u nies li jħadmu wara l-kwinti (fuq recordings, affarijiet tekniċi u xogħol ieħor) dejjem taħt it-tmexxija tas-Sotto Kumitat Radju Santa Katarina kif ukoll tal-Kumitat Ċentrali.

Ta' min isemmi illi biex dan ir-Radju jkun jista' jaħdem f'aktar kumdita', is-Soċjeta' ħasbet sabiex ittella' żewġ studios fit-tielet sular tal-Każin tagħna. Permezz ta' dawn l-istudios wieħed se jkun jista' jaħdem f'aktar kumdita' u b'aktar professjonalita'; dejjem biex nagħtu l-aħjar prodott possibli lis-semmiegħa tagħna. Bħalissa x-xogħol tal-kostruzzjoni huwa kollu lest, u nbeda l-*wiring*. Dan m'huwiex l-unika investiment li s-Soċjeta' tagħna għamlet f'dan il-proġett, iżda anke fejn jidħol apparat; dan inxtara sabiex issa jagħmel parti mill-propjeta' tal-Każin. Mal-bini tal-istudios il-ġodda s-Soċjeta' se tkompli tinvesti f'aktar apparat. Dawn l-affarijiet kollha qed jinvolvu ħafna spejjeż u hawn indur lejkom il-qarrejja u s-semmiegħa, kif ukoll soċji u partitarji biex toffru d-donazzjonijiet tagħkom. Illum intom tistgħu tgħinu anke mid-dar tagħkom, f'kull ħin u meta tħossukom komdi, billi tibgħatu sms (b'xi dedika jew xi messaġġ ieħor) fuq in-numru 50617377 (li jiswa 2.33 Ewro) u b'hekk int tkun qed tgħin lis-Soċjetà biex dak li ħlomna, u issa qed inwettqu, inkomplu nwettquh mija fil-mija. Aħna persważi li intom is-soċji u partitarji, li bħalna temmnu f'din is-Soċjeta' hekk kbira, se tkunu għal darb'oħra s-saħħa tagħna, biex ngħinu lis-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. tibqa' timmodernizza ruħha dejjem aktar u fuq kollox tibqa' dejjem qrib tiegħek li qed taqra dan l-artiklu. F'isem is-Sotto-Kumitat Radju Santa Katarina, nirringrazzjak tal-appoġġ tiegħek.

## AFTERNOON TEA

**Is-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti qed torganizza Afternoon Tea nhar it-Tlieta 10 ta' Frar 2009 (Festa Pubblika) fil-Każin tal-Banda Santa Katarina V.M. mis-2.00p.m. 'il-quddiem flimkien ma' Marisa D'Amato.**
**Biljetti jikisbu mill-Bar tal-Każin u mingħand is-Sinjura Gejta Farrugia.**



**Tagħlim u Lezzjonijiet tal-Banda**

Kull nhar ta' Sibt mit-8.30am sal-11.30a.m. – Assistent Surmast Josef Grech - Sezzjoni Injam.
Kull nhar ta' Tlieta mill-4.15pm sas-6.45pm – Surmast Direttur Mro. Mario Testa – Sezzjoni Ram.

## Attivitajiet tal-Banda Santa Katarina V.M.

*- Richard Farrugia*
*Chairman Kummissjoni Banda*

- **Nhar il-Ħadd 8 ta' Frar 2009,** il-Banda Santa Katarina V.M. ġiet mistiedna tagħmel servizz ta' marċ fil-festa ta' San Pawl ġewwa l-Belt Valletta. Il-marċ ser jibda fis-7.00pm minn ħdejn il-Knisja ta' San Pawl fi Triq San Pawl.
- **Nhar il-Ħadd 5 t'April 2009,** Ħadd il-Palm, il-Banda Santa Katarina ser tagħmel servizz ta' marċ Funebri fi Pjazza Repubblika. Dan is-servizz jibda fl-10.00am. Din is-sena ser jindaqqu xi marċi tal-mibki Surmast Francis Falzon.
- **Nhar il-Ħadd 8 ta' Marzu 2009,** il-Banda Santa Katarina V.M. se tirrekordja sett ta' marċi ġodda.

## Is-Servizzi tal-Banda Santa Katarina V.M. għas-sena 2009 :

| DATA | POST | FESTA |
|---|---|---|
| 8 ta' Frar | Valletta | San Pawl |
| 5 t'April | Żurrieq | Funebri – filgħodu |
| 15 ta' Ġunju | Żejtun | Santa Katarina V.M. |
| 1 ta' Lulju | Sliema | Sacro Cuor |
| 3 ta' Lulju | Luqa | Sant'Andrija |
| 10 ta' Lulju | Kirkop | San Ġużepp |
| 2 t'Awwissu | Valletta | San Duminku |
| 3 t'Awwissu | Ħal Lija | Salvatur |
| 14 t'Awwissu | Qrendi | Santa Marija |
| 15 t'Awwissu | Qrendi | Santa Marija |
| 16 t'Awwissu | Żurrieq (Bubaqra) | Santa Marija |
| 30 t'Awwissu | Żurrieq (ħruġ min-Niċċa) | Santa Katarina V.M. |
| 3 ta' Settembru | Żurrieq (Programm) | Santa Katarina V.M. |
| 4 ta' Settembru | Żurrieq (L-Aħħar Tridu) | Santa Katarina V.M. |
| 5 ta' Settembru | Żurrieq (Te Deum) | Santa Katarina V.M. |
| 6 ta' Settembru | Żurrieq (Prim Konċelebrant) | Santa Katarina V.M. (am) |
| 6 ta' Settembru | Żurrieq (Marċ tan-Nar) | Santa Katarina V.M. (pm) |
| 27 ta' Settembru | Rabat – Dahla | Santa Katarina V.M. |
| 4 t'Ottubru | Żurrieq | Rużarju |
| 25 ta' Novembru | Żurrieq – Festa Liturġika | Santa Katarina V.M. |
| 25 ta' Diċembru | Żurrieq – Carols | Milied – filgħodu |

## Sotto Kumitat tal-Kultura

*- Faustina Sammut*



**Ħarġa Kulturali ġewwa l-Palazz tal-President u l-Armerija tal-Palazz**

Is-sena t-tajba lil kulħadd! Veru li xi ftit tard, imma jekk bdejna s-sena 2009 xi ftit fuq sieq ħażina, baqa' żmien biex nirrimedjaw u ma naqtgħux qalbna. Fejn jidħol is-Sotto Kumitat Kultura tas-Soċjeta' tagħna, nassigurakom li aħna għaddejjin b'ritmu mgħaġġel biex norganizzaw attivitajiet li bihom nagħtu gost lilkom. Għalina hu tassew pjaċir li norganizzawhom.

L-aħħar żewġ attivitajiet tagħna kienu żjara fil-Palazz tal-President u l-Armerija tal-Palazz fil-Belt Valletta kif ukoll il-pantomima tal-Milied fl-Istitut Kattoliku. Iż-żjara fil-Palazz interessat lil numru kbir ta' nies li għoġobhom jiġu magħna. Magħna kellna ukoll gwida li spjegalna tajjeb ferm kull ma rajna fl-Armerija u kull sala li dħalna fiha fil-Palazz.
Għal żmien il-Milied, kif inhu xieraq, morna naraw il-pantomima fl-Istitut Kattoliku. Kienet ħarġa divertenti u rilassanti u kull min ġie għaliha żgur li ma ddispjaċiehx. Niżgurawkom li għall-futur qrib għandna attivitajiet daqstant ieħor interessanti u edukattivi għalikom u l-familji tagħkom. Grazzi ta' l-inkoraġġiment tagħkom. Inħeġġukom ukoll terġgħu tieħdu sehem attiv f'dak kollu li norganizzaw biex nagħtu spinta lil kultura fir-raħal tagħna ż-Żurrieq.

## ĠIMGĦA MQADDSA 2009

**Is-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti qed taħseb sabiex fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa 2009 se torganizza attivita' nhar is-Sibt 4 u l-Ħadd 5 t'April '09.**
**Għal din l-attivita' se jkollna bżonn nies li jistgħu iservu bħala atturi kif ukoll diversi nies oħra li jistgħu jgħinu f'dak li hu back-stage. Kull min hu nteressat għandu javviċina malajr kemm jista' jkun lil xi membri tal-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ**

**KORREZZJONI: B'referenza għas-Santa li tqassmet fil-ġabra tal-11 ta' Jannar 2009, l-Innu Popolari lil Santa Katarina V.M. ġie miktub minn Patri Ġużeppi Delia S.J. u mużikat minn Dun Mikiel D'Amato A.(Mus)L.C.M., L.R.S.M. u mhux kif ġie stampat fl-istess Santa.**

# Avvenimenti mportanti - *miġbura minn Jeremy Cachia*

## 145 SENA – L-EWWEL SOĊJETÀ MUŻIKALI FIŻ-ŻURRIEQ (1864-2009)

Din is-sena s-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M. qiegħda tfakkar il-145 sena mit-twaqqif tagħha. Dan huwa preludju ta' dak li nkunu qed niċċelebraw ħames snin oħra – il-150 sena ta' ħidma tas-Soċjeta' fil-qasam mużikali. Anniversarju li s-Soċjeta' qed tħares lejh b'entużjażmu kbir biex jekk Alla jrid jiġu ċċelebrati festi kbar. Matul din is-sena fuq din il-gazzetta ser nagħtu ħarsa fuq xi ftit mill-avvenimenti li ħallew marka fuq is-Soċjeta' tagħna.

Inkun qed nonqos jekk nibda nikteb bla ma nsemmi l-artiklu tant importanti li kiteb l-istoriku Achille Ferres fuq l-'Ordine' tal-21 t'April 1865 f'paġna 4, liema artiklu s-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M. żżomm b'għożża kbira bħala dokumentazzjoni uffiċjali tat-twaqqif tagħha. (Kopja u traduzzjoni ta' dan id-dokument tistgħu issibuhom fit-tieni edizzjoni ta' din il-gazzetta f'paġna 5, kif ukoll fuq il-website uffiċjali tas-Soċjeta' tagħna www.stcatherineband.org.mt).
Din is-Soċjeta' taf lill-Kappillan Dun Vinċenz Schembri bħala l-fundatur tagħha li taħt l-awspiċji tiegħu ra tiġi mwaqqfa din is-Soċjeta' sa minn Novembru 1864. L-ewwel Surmast tal-Orkestra kien Luigi Carabott. Nafu wkoll li fl-1866 din l-Orkestra għaddiet f'idejn is-Surmast Francesco Zammit, u mill-Kotba tal-Prokura tal-Knisja (Veneranda Lampada) tissemma li twaqqfet il-Banda 'La Filarmonika del Zurrico' u tagħti s-sehem tagħha kif xieraq fil-Festa Titulari ta' Santa Katarina V.M. Fl-1875 din l-imsemmija Banda rat it-tmexxija tagħha f'idejn is-Surmast Carmelo Zammit, fejn kompliet tieħu sehem fil-festa tal-Patruna tar-raħal; dik ta' Santa Katarina V.M. Tajjeb insemmi li fil-bidu tas-Seklu 20 dan is-Surmast Carmelo Zammit kien ħadem l-istatwi tal-filosfi flimkien ma' l-istatwarju Vincenzo Cremona, li għadhom jintramaw għall-festa Titulari fil-Misraħ Prinċipali, Misraħ Repubblika sa llum. ***(....ikompli f'edizzjoni 20)***

# SALVU BUGEJA –
## DISINJATUR, SKULTUR U MUŻIĊIST



L-iskultur Salvu Bugeja twieled iż-Żurrieq fil-15 ta' Marzu 1920. Meta żżewweġ lil Ġużeppa marru joqogħdu Birkirkara, u wara tas-Sliema fejn għadu jgħix sa llum. Għalkemm 'il bogħod minn raħal twelidu, l-imħabba għal Santa Katarina V.M., għas-Soċjeta' tagħna u għaż-Żurrieq għadhom ibaqbqu f'qalbu. Salvu Bugeja llum-il ġurnata ismu hu sinonimu max-xogħol fejn tidħol l-arti tal-iskultura u d-disinn, biss illum se nitkellmu fuq don ieħor li jħaddan Salvu Bugeja – l-arti mużikali. Dan għaliex Salvu kien wieħed mill-orkestranti fi ħdan l-Orkestra Santa Katarina V.M. Tajjeb insemmu li Salvu ġej minn familja ta' mużiċisti li kienu jdoqqu mal-Banda Santa Katarina V.M. fis-snin ta' qabel l-Ewwel Gwerra Dinjija. Missieru Nettu kien idoqq it-trumbun, u żewġ zijiet oħra Ġużeppi Agius u Ġużeppi Buġeja kienu jdoqqu l-klarinett ukoll. Aktar tard Salvu kellu kuġinuh Fredu jdoqq il-vjolin ma' l-Orkestra Santa Katarina V.M. Salvu Bugeja xtara l-vjolinċell fis-sena 1936 u beda jitgħallmu għand is-Surmast Ġużeppi Apap, vjolinċellista prim tat-Teatru Rjali l-Belt Valletta, filwaqt li t-teorija kien imur jitgħallimha l-Każin ta' Santa Katarina V.M. għand is-Surmast tal-Orkestra Ferdinandu Falzon. Salvu baqa' jdoqq il-vjolinċell ma' l-Orkestra sal-1946 meta mbagħad is-Surmast Espedito Deguara evolva l-Orkestra f'Banda. Flok il-kordi bdejt tisma' strumenti tal-qasba u tan-nifs, u allura Salvu tħarreġ u beda jdoqq is-Saxaphone mal-Banda Santa Katarina V.M., fejn dam idoqq 6 snin sal-1952. Salvu Bugeja kien idoqq ukoll il-klarinett u l-kuntrabaxx ma' diversi Jazz Bands ta' Jimmy Dowling u Oscar Lucas eċċ.

Fatt interessanti li qalli Salvu kienet li meta fl-1944 is-Surmast Ferdinandu Falzon kien se jirreżenja minn Surmast Direttur ta' l-Orkestra, Salvu kellu ħabib tiegħu ċertu wieħed jismu Doru miż-Żejtun; idoqq il-vjolinċell bħalu fl-Orkestra taż-Żejtun, u inċidentalment is-Surmast Espedito Deguara kien is-Surmast ta' l-Orkestra ta' l-aħħar. Doru u Salvu kienu kellmu lis-Surmast Deguara sabiex jiġi Surmast ta' l-Orkestra taż-Żurrieq. Deguara laqa' din il-proposta bil-ferħa u daħal b'entużjażmu kbir imexxi l-Orkestra. Hu dam għal 42 sena sħaħ Surmast Direttur kemm ta' l-Orkestra Santa Katarina V.M. u sentejn wara tal-Banda Santa Katarina V.M. F'Marzu li ġej, jekk Alla jrid, Salvu jagħlaq 89 sena. Minn hawn, f'isem il-Bord kollu ta' Sancta Catharina Zurricanorum Patrona, u l-Kumitati tas-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina V.M., nawguralek Salv, u nitolbu 'l Alla jagħtik aktar snin ta' saħħa ħa tkompli tgawdi l-frott u l-opri li wettaqt matul is-snin! AD MULTOS ANNOS. Fuq nota personali nixtieq nirringrazzja lil Salvu u nħossni xxurtjat li ħdimt mill-qrib miegħu għax bla dubju jkolli nistqarr li tgħallimt u għadni nitgħallem ħafna minnu. Grazzi mill-qalb Salv!

*Design & Printing:* Tel: 21250994/3